NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Jannar – Frar 2002 Nru 124

*Messaġġ mill-Arċipriet*

# *Irrid ngħamlilkom ħames stediniet*

**1. Stedina għall-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan:**
Għandna tliet korsijiet prinċipali bi tliet predikaturi tajbin ħafna. Tħallu xejn itellifkom milli tattendu għalihom. Il-kelma t'Alla għandha tkun il-pedament u l-gweida tal-ħajja tagħna, tal-familji tagħna, tas-soċjeta' tagħna. Elf skuża tista' tiġina biex nitilfu l-priedki ta' l-eżerċizzi. Tħallux lix-xitan jiżvijakom minn din il-grazzja.

**2. Stedina għal Tiġdid Spiritwali:**
Iż-żmien tar-Randan hu żmien sabiħ li joffrilna programm ta' talb liturġiku, impenn għall-konverzjoni bl-għajnuna tas-sagrament tal-penitenza, taħriġ tar-ruħ bis-sawm u l-astinenza minn affarijiet li nħobbu, irtiri spiritwali għall-kategoriji organizzati mill-Għaqdiet Kattoliċi, sehem aktar attent fil-quddiesa, trażżin tas-sensi, bidla tal-qalb fir-relazzjonijiet bejnietna u tant għemejjel tajbin oħra. Ma rridx ninsa nheġġiġkom biex tieħdu sehem fit-*Talba ta' fil-Għaxija* li fil-Ħdud kollha tar-Randan niċċelebraw fil-Bażilika tagħna. Żommuh dan l-appuntament fl-4.30 ta' fil-għaxija.

**3. Stedina għall-Kollaborazzjoni fil-Parroċċa:**
Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku kull min jaf b'xi talent li għandu joffri li jagħti l-kontribut tiegħu fil-ħajja tal-Parroċċa. Jieħu eżempju mill-ħafna żgħażagħ u adulti lajċi li diġa qed jikkollaboraw, anke b'sagrifiċċju, fl-apostolat, pastorali tal-familja, kultura nisrsanija, liturġija u oqsma oħra. Għadna ma nistgħux insibu tarf biex norganiżżaw aħjar il-ministeru tal-Qari tal-Kelma t'Alla fil-quddies kollu tal-Ħdud. F'dan ir-Randan agħmlu mpenn biex toffru s-servizz tagħkom.

**4. Stedina biex issiru Benefatturi taċ-Ċentru Parrokkjali:**
Nieħdu din l-okkażjoni biex f'isem San Ġorġ nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw għotjiet ta' flus għall-bini taċ-Centru Parrokkjali. Diġa ħallasna ħafna kontijiet Iżda jonqosna x'inħallsu. Kull laqxa tirfed l-imramma. u għalhekk dawk li jistgħu jagħtu mqar għajnuna żgħira, għandhom jagħmluha. L-iskema ta' self bla imgħax għadha miftuħa. Ġesù ħallas bil-mija fil-wieħed, u aktar, lil kull min jgħinu fl-opri qaddisa tiegħu.

**5. Stedina għaċ-Celebrazzjonijiet tar-Randan u tal-Ġimgħa Mqaddsa:**
Qed jitqassam mal-Bulettin programm sħiħ ta' dak li se jsir bi tħejjija għall-Għid u bħala celebrazzjoni tal-misteri tiegħu. F'dan iż-żmien, waqt it-tberik tal-familji, ikolli l-okkażjoni wkoll biex infakkarkom fihom. Theġġu, u agħmlu mpenn, biex tieħdu sehem sħiħ fihom għall-ġid spiritwali tagħkom bħala individwi, tal-familji tagħkom u tal-Komunita' kollha ta' l-Insara li niffurmaw flimkien.

*Mons. Ġużeppi Farrugia*

## RANDAN 2002 • EZERCIZZI SPIRITWALI

**Għall-Miżżewġin**
**Mit-Tnejn 18 ta' Frar sal-Ġimgħa 22 ta' Frar**
Ħin: 7.00pm *Predikatur: Patri Charles Tabone OP*

**Għaż-Żgħażagħ**
**Mit-Tnejn 25 ta' Frar sal-Ġimgħa 1 ta' Marzu**
Ħin: 7.30pm *Prdikatur: Parti Martin Cilia MSSP*

**Għal Kulħadd**
**Mit-Tnejn 4 ta' Marzu sal-Ġimgħa 8 ta' Marzu**
Ħin: 5.30pm *Predikatur: Dun Ġużepp Mifsud Bonnici*

**Għat-Tfal**
**Mit-Tnejn 11 ta' Marzu sal-Ħamis 14 ta' Marzu**
Ħin: 4.30pm *Predikatur: Dun Eddie Zammit*

# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

**08.12.2001:**
NICOLE, bint Dione Lautier u Charmaine nee' Cauchi
**08.12.2001:**
OLIVER, iben Emmanuel Cremona u Louise nee' Debono
**16.12.2001:**
IAN, iben Jimmy Gauci u Carmen nee' Grech
**25.12.2001:**
NATHANIEL, iben Carmel Spiteri u Mary Rose nee' Tabone
**13.01.2002:**
JOSHUA, iben George Cassar u Paula nee' Harrison
**03.02.2002:**
YANIKA, bint Daniel Mercieca u Karen nee' Attard

**INGHAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

15.12.2001: George Cauchi u Yvonne Micallef

**MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

04.12.2001: M'Antonia Farrugia
08.12.2001: M'Assunta Portelli
04.01.2002: Anton Xerri
06.01.2002: Pietru Formosa
22.01.2002: Saverina Frenech
22.01.2002: Benna Vella
24.01.2002: Giovanna Buttigieg
05.02.2002: Duncan Joseph Camilleri




**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju LEĦEN IL-BELT VICTORIA**
**FM Stereo**
**104**


# Editorjal

## TLIET PUNTI

### Iċ-Ċentru Parrokkjali

Ix-xogħol fuq il-bini taċ-Ċentru Parrpkkjali wasal fi stadju avanzat ħafna. Dan seta' jseħħ bil-għajnuna u l-ġenerożita ta' ħafna u ħafna membri mill-komunita' parrokkjali tagħna. Meta Mons Arċipriet kien ħabbar il-pjan taċ-Ċentru kien qal li dan ser ikun il-proġett għall-millenju li għadna kif bdejna. U hekk ser ikun. Pero' għad hemm bosta xogħol xi jsir u tkun ħasra jekk nimxu bil-mod jew nieqfu xi ftit għax tonqos l-għajnuna. Għalhekk dawk baqgħu lura għandhom juru tabilħaq l-imħabba tagħhomlejn il-parroċċa tagħna u jingħaqdu ma' dawk il-mijiet li daħlu fl-iskema ta' self biex dan il-proġett iseħħ. Illum wieħed jista' jara x'ġej iktar minn qabel u kull min mar Iżur il-binja kif inhi llum qed jirrealiżża l-utilita' ta' dan il-proġett.

### Is-Siġġijiet

Ma nistgħux ma nfaħħrux u nirringrazzjaw lis-Sur Francis X. Borg għas-siġġijiet sbieħ u komdi li qed joffri għall-Bażilika tagħna. Il-korsija ġa kważi mimlija bihom u ma kull min titkellem jgħidlek kemm verament jixriqu lit-tempju tagħna u kemm fihom kumdita'. Pero' tajjeb li ngħidu li hemm min mhux juża tajjeb dawn is-siġġijiet billi jew qabel jitlaq lħalli l-ġinokjatur miftuħ, jew inkella waqt quddiesa jsiru ħsejjes bla bżonn biex intellgħu jew innizlu l-ġinokjatur. Għalhekk nappellaw lil kulħadd iex isir użu tajjeb minnhom u li nibżgħu għalihom.

### Randan 2002

Fl-ewwel paġna ta' din il-ħarġa tar-rivista tagħna qed nġibu l-programm ta' l-Eżerċizzi Mqaddsa li ser ikollna matul ir-Randan li għadna kif bdejna. Isir minn kollox biex ikollna dejjem l-aħjar predikaturi. Tajjeb għalhekk li nħossuna fid-dmir li nattendu bi ħġarna għal xi kors minnhom li jkun adattat għalina. Apparti d-dmir li matul ir-Randan nisimgħu kors ta' tagħlim biex nitħejjew għall-festa ta' l-Għid il-Kbir, huwa dmir tagħna, bħala membri tal-komunita' parrokkjali ta' San Ġorġ, li nattendu xi kors ta' eżerċizzi fil-Bażilika tagħna.

## LAQGĦA MAS-SUR LAURENCE MIZZI

F'Jannar li għadda fil-Parroċċa tagħna ġiet organizzata laqgħa għal dawk kollha li jgħinu fl-organizzazjoni tal-quddies fil-Bażilika, qarrejja, animaturi eċċ. Il-laqgħa kienet indirizzata mis-Sur Laurence Mizzi. Dawn huma xi suġġerimenti ġenerali li s-Sur Laurence Mizzi għalaq il-laqgħa bihom.

1. Tgħaġġilx int u taqra, lġda lanqas għandek tkarkar.
2. Twaqqax l-aħħar kelma jew kelmiet tas-sentenza hekk li ma jinftiehmux.
3. Ippronunzja kull kelma ċara, b'mod speċjali l-verbi.
4. Toqgħodx tqatta' s-sentenzi b'mod mekkaniku, per eżempju kull żewġ jew tliet kelmiet. Dan hu ħażin u jtellef mis-sens.
5. Tieqafx meta taqleb il-folja. Ħejji minn qabel hekk li n-nies lanqas biss jindunaw li tkun biddilt il-faċċata.
6. Toqgħodx tiċċaqlaq inti u taqra.
7. Tagħmilx sforzi biex terfa' rasek regolarment mill-ktieb bil-periklu li titlef fejn wasalt jew il-'flow' tal-qari.
8. Tiddrammatiżżax id-'direct speech' hekk li tiġi qisek qed tieħu sehem f'radjudramm. Biżżejjed ftit tibdil fil-leħen.
9. Ftakar li fil-knisja aħna nkunu qed nipproklamaw il-kelma ta' Alla u mhux sempliċiment naqrawha.
10. Fl-aħħarnett ftakar li l-vuċi nitwieldu biha u ftit nistgħu nagħmlu biex intejbuha jew lżjed u iżjed inbiddluha. Il-qari fil-pubbliku hija sengħa li tista tiġi mgħallma u li titjieb bil-prattika kontinwa u fuq kollox bil-preparazzjoni.

# Ostensorju Ewkaristiku



Fil-Festi tal-Milied li għaddew, il-Bażilika ta' San Ġorġ irċeviet ostensorju ewkaristiku *(ritratt)*, regalat minn koppja ta' benefatturi Ġorġjani.L- ostensorju, jew 'sfera', ġie maħdum f'Malta fil-fidda sternlina, deheb u ħaġar prezzjuż.Ser jintuża fil-bosta jiem ta' adorazzjoni li jsiru fil-Bażilika tagħna. Grazzi mill-qalb.

# LAQGĦA EKUMENIKA

Nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2002, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' talb għal l-għaqda tal-Knejjes, fil-Bażilika tagħna nżamm Servizz Ekumeniku Djoċesan organiżżat mil-Legion of Mary.

F'dan is-Servizz Ekumeniku ħadu sehem Mons Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons Arċipriet Dr. J. Farrugia, Ir-Rev. Dr. Geoffre Rowell, L-Isqof Anglikan tad-Djoċesi ta' l-Ewropa kif ukoll il-Kan. Alan Woods li huwa s-Senior Anglican Chaplain ta' Malta u Għawdex.



Il-kongrtegazzjoni li attendiet għal dan is-servizz kienet tinkludi diversi personalitajiet kif ukoll barranin residenti f'Għawdex u membri tal-komunita' parrokkjali tagħna kif ukoll diriġenti tal-Legion of Mary f'Għawdex.

# TIFKIRA TAL-50 SENA MILL-MEWT TAL-QADDEJJA T'ALLA MADRE MARGERITA DE BRINCAT

Nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar 2002 fil-Bażilika tagħna tfakkar il-50 Anniversarju mill-mewt ta' Madre Margerita De Brincat, l-ewwel Madre Ġeneral tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù imwaqqfa minn Dun Ġużepp Diacono.

F'din l-okkażjoni saret Konċelebrazzjoni Solenni preseduta minn Mons Arcipriet Ġużeppi Farrugia bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru, flimkien ma' Patri Ġorġ Aquilina OFM, Viċi-Postulatur tal-kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Madre Margerita twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 fir-raħal ta' Kerċem u ġiet mgħammda fl-istess jum fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Kien għalhekk li ġie esebit ir-reġistru tal-magħmudijiet li juri dan l-avveniment.

L-omelija f'din iċ-ċelebrazzjoni saret minn Patri Ġorġ Aquilina li ta minn spunt tal-vanġelu ta' dak il-Ħadd il-mixja qaddisa ta' Madre Margerita fis-servizz li hija tat lill-Knisja Għawdxija.

Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni, li matulha ħa sehem il-Kor Laudate Pueri, tkanta l-Innu lil Madre Margerita, versi tal-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani u mużika tal-Prof. Joseph Vella. Wara li tkanta l-Innu, Prof J. Vella ppreżenta l-Mużika ta' dan l-Innu lill-Madre Ġenerali tas-Sorijiet Swor. Snselmina Mifsud. Il-Madre Ġenerali rringrazzjat lill-Prof J. Vella għal din il-mużika kif ukoll lill-Mons Arċipriet talli ħa ħsieb jorganiżża din l-okkażjoni ta' ferħ.

Kien preżenti għal din l-okkażjoni l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor. Anton Tabone, rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u numru kbir ta' Sorijiet Franġiskani. ●



*Parti mill-kongregazzjoni waqt iċ-Ċelebrazzjoni Solenni*



*Patri Gorg Aquilina OFM, waqt l-Omelija.*



*Prof Joseph Vella jippreżenta l-mużika ta' l-Innu f'gieh Madre Margerita lil Madre Ġenerali.*





# IL-ĦAJJA TA' MADRE MARGERITA FIL-QOSOR

Madre Margerita De Brincat, fis-seklu Virġinja, twieldet Kerċem, Għawdex, fit-28 ta' Novembru 1862 u rċeviet is-Sagramenttal-Magħmudija fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-istess jum.



Madre Margerita De Brincat

hija rċeviet mill-familja edukazzjoni tajba kemm Nisranija kif ukoll kulturali. Fl-1877 issieħbet mas-Soċjetà tat-"Tnax-il Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù", li minnha, ftit snin wara nibtet il-Kongregazzjoni reliġjuża tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

Virġinja għamlet il-professjoni reliġjuża temporanja tagħha fis-17 t'awissu 1883 u dik Perpetwa fit-8 ta' Diċembru 1887; f'din l-okkażjoni biddlet isimha f'dak ta' Swor Margerita tal-qalb ta' Ġesù. Minħabba l-intelliġenza tagħha, u billi wkoll kienet imkissra fl-iskola, f'Awiossu 1884, Swor Margerita ġiet magħżula minn Dun Ġużepp Diacono bħala segretarja ġenerali tal-Kongregazzjoni reliġjuża li kienet għadha kif bdiet. B'hekk sa mill-bidu, setgħet taħdem qrib tiegħu fejn ħadet l-ispirtu u t-tagħlim tiegħu u setgħet issegwi mill-qrib dak kollu li kien qed isir u d-diffikultajiet kollha tal-Kongregazzjoni. Tant li meta fl-1887 il-fundatur ittenda li ma setax ikompli u kien ser ixolji l-Kongregazzjoni, Madre Margerita b'fiduċja bla qies fl-għajnuna divina ta' Alla, ħadet f'idejha r-responsabilita' u t-tmexxija tagħha.

Kien permezz ta' Madre Margerita li l-Kongregazzjoni setgħet tissupera l-ewwel diffikultajiet u tieħu identita' kariżmatika ċara. Minn għandha rċeviet it-tagħlim u l-qawwa neċessarja biex tikber, tixtered u tagħti l-frott abbundanti kemm spiritwali kif ukoll apostoliku. Bi prudenza, hila u tjubija, mexxiet il-Kongregazzjoni għal iktar minn 24 sena bħala Superjura Ġenerali u wara dejjem għamlet parti mill-Kunsill Ġenerali jew bħala Vigarja jew Kunsulliera.

Dixxiplu fidil ta' San franġisk t'Assisi u mitlufa fl-imħabba lejn Ġesù, l-Għarus ħelu tagħha Kurċifiss, Madre Margerita għarfet tibni ħajjitha u dik tal-Kongregazzjoni fuq il-Vanġelu. L-elementi l-iktar qawwija ta' l-ispiritwalità tagħha kienu: ix-xewqa kbira li kellha għall-għaqda sħiħa ma' Alla, fuq kollox fit-talb u fiċ-ċaħda tagħha nnifisha bħala vittma ta' riparazzjoni; kellha mpenn kbir li tgħix id-don tal-vokazzjoni reliġjuża f'umiltà sinċiera, f'sempliċità ferrieħa, fil-faqar evanġeliku, ħeġġa kbira li tagħmel lil Alla jkun magħruf biex ikun maħbub, filwaqt li nghatat għall-apostolat u għas-servizz lejn l-aħwa l-iktar fil-bżonn. Dan il-proġett ġeneruż ta' ħajja evanġelika kien imdawwal u mgħejjun minn ispirazzjoni speċjali: li tpoġġi fuq kollox imħabba tixgħel lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, f'atteġġjament ta' adorazzjoni, ringrazzjament, sagrifiċju u riparazzjoni.

Matul ħajjitha, li kienet twila, Madre Margerita kellha x-xorti li tara l-Kongregazzjoni tikber mhux biss fin-numru ta' vokazzjonijiet, imma li tixtered ukoll mal-kontinenti u li tieħu dejjem iktar forma internazzjonali u xejra missjunarja.

Hija mietet b'fama ta' qdusija fit-22 ta' Jannar 1952 fil-Casa Madre, Victoria, Għawdex, ta' 89 sena, mibkija mis-sorijiet tagħha u minn dawk kollha li kellhom ix-xorti li jkunu jafuha.

Sr. Aniceta Briffa FCJ

*(Mill-'Fuljett 'Paċi u Ġid' – Jannar 2002)*

Madre Margerita mal-Fundatur Dun Ġużepp Diacono fil-loġġa tal-'Casa Madre'



# L-ESPERJENZA TGĦALLEM

*L-esperjenza hija għalliema mill-aqwa. Kultant it-tagħlim akkademiku waħdu ma jkunx biżżejjed biex titgħallem x'għandek tagħmel fil-ħajja. Il-qawl malti jgħid: staqsi lill-imġarrab; u hekk hu, għax l-esperjenza hija verament għalliema.*

- Tifla ta' sitt snin: "Tgħallimt inħobb lill-għalliema tiegħi, għax kull darba li konna nkantaw l-Innu Malti, kien joħorġilha d-dmugħ."
- Tifel imqarqaċ: "Tgħallimt li meta nkun mdejjaq malajr jgħaddili jekk inferraħ lil xi ħadd."
- Tifla ta' tnax-il sena ammettiet dan: "Tgħallimt li malli nirranġa kamarti kif inħobb jien, ommi ġġagħlni niżbarazzaha."
- Żgħażugħ ta' sittax-il sena jgħid hekk: "Jien tgħallimt li meta l-ġenituri tiegħi jkunu stretti miegħi, għalkemm qatt ma ammettejt, fil-fond ta' qalbi kont nieħu gost".
- Tfajla ta' madwar sitta u għoxrin sena qalet: "Jien tgħallimt li meta kont insuq il-karrozza jien, dejjem kien ikun hemm xi ħadd isuq ħażin warajja."
- Impjegat f'Bank qal: "Jien tgħallimt li meta jkun hemm xi ħadd jgħid xi ħaġa kontra tiegħi, jien kont niddeċiedi li nibda ngħamel kontra dak li jkun ingħad."
- Raġel bil-ħanut qal: "Aktar mal-bniedem ikun rrabbjat għalih innifsu, aktar lħoss il-bżonn li jwaħħal fl-oħrajn."
- Persuna ta' 50 sena qalet hekk: "Bniedem issir taf xi jsarraf meta jinqabad fix-xita, jitlef xi ħaġa importanti, jew jitħabbillu xi wire."
- Mara ta' 52 sena qalet: "Kulħadd jidher normali, sakemm issir tafu mill-qrib."
- Mara ta' 75 sena stqarret hekk: " Jekk jien għandi ħafna problemi, m'hemmx għalfejn insir problema jiena wkoll."
- Raġel ta' età avanzata ħafna qal: " Tgħallimt li għad fadalli ħafna x'nitgħallem."

Dan kollu huwa ċertifikat mill-isbaħ għal dak li nħobbu ngħidu aħna l-maltin: tikber u titgħallem.



## KULHADD MA' TIEGHU

It-tieni produzzjoni mtellgħa mill-Astra Dramatic Company għal dan l-istaġun tejatrali kienet il-kummiedja fi tliet atti ***'Kulħadd ma' Tiegħu'***. Din saret nhar is-Sibt 20 ta' Jannar 2002. Uħud mill-iktar atturi magħrufa tat-Teatru Astra ħadu sehem f'din il-kummiedja li pprovdiet serata divertenti għall-pubbliku li attenda. Ferm impressjonanti kien is-set li nbena għal din il-produzzjoni. ***'Kulħadd ma' Tiegħu'*** ġiet maqluba għall-Malti u adattata għall-palk minn Mons Salv Borg.

## TLIET PELLEGRINAĠĠI GĦAS-SENA 2002

**FATIMA U LISBONA**

*Bejn id-9 u l-15 ta' Mejju*

**RUMA FIRENZE ASSISI VENEZIA PADOVA RAVENNA**

*Bejn is-26 ta' Lulju u t-2 t'Awissu*

**LOURDES**

*Bejn il-5 u l-10 t'Awissu*

**Imexxi l-Gruppi Mons Salv Borg**
**Dettalji oħra mill-Uffiċċju Parrokkjali**

***TĦALLUX GĦALL-AĦĦAR IR-REKLAM TAGĦNA HUMA DAWK LI ĠEW MAGĦNA***

# Rokna għat-Tfal











Għeżież Tfal,

Kif intom! Nispera li intom ilkoll tinsabu tajbin.

Tiskanta qisu l-bieraħ kien il-Milied u diġa dħalna fi żmien sabiħ u għażiż tar-Randan. Dan għandu jkun żmien li matulu, kull wieħed u waħda minna, jidħol ftit fih innifsu, jagħmel eżami serju tal-kuxjenza u jipprova joqgħod lura minn xi ħwejjeġ biex b'hekk jagħmel sagrifiċċju u penitenza. Wara kollox Sidna Ġesù Kristu stesstana l-eżempju meta għadda erbgħin jum ta' sawm u astinenza fid-deżert, ittantat mix-xitan. Drajna wisq fil-ħajm, fil-fsied u fil-kumdita'. Hemm bżonn nifhmu l-ħtieġa u l-bżonn tas-sagrifiċċju fil-ħajja.

Drawwa sabiħa f'dan iż-żmien hija li mmorru nisimgħu l-Eżerċizzi Spiritwali. Intom ukoll ikollkom minn dawn l-iskola u filknisja tagħna. Importanti li teħduhom bis-serjeta' għax minnhom titgħallmu ħafna. Sibu ħin ukoll tinvistaw minn żmien għal żmien l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra, drawwa oħra sabiħa u qadima.

Bla dubju mhux ser noqgħod inkellimkom dwar il-jiem sbieħ tal-Ġimgħa Mqaddsa għax dawn tafu dwarhom. Din is-sena, il-Ġimgħa l-Kbira ġejja fid-29 ta' Marzu meta mill-Bażilika tagħna toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwi sbieħ tal-Passjoni. Naf li ħafna minnkom jieħdu sehem f'din il-purċissjoni devota u qadima.

Ġimgħa qabel tkun il-festa tad-Duluri w anke f'din inħeġġiġkom tmorru titolbu u tagħmlu xi ftit sagrifiċċju.

Matul dan iż-żmien tar-Randan fit-Teatru Astra wkoll ser ikollna xi attivita' marbuta mal-Passjoni. Ejjew arawha mal-familja tagħkom għax żgur ma jiddispjaċikomx.

Intant, min jaf kemm iddevertejtu fil-jiem tal-Karnival! Sewwa għamiltu! L-importanti li wieħed jieħu gost ma ma jweġġa' lil ħadd.

U fl-eżamijiet ta' nofs is-sena, kif mortu! Nispera li kontu ppreparati sewwa. Araw li tistudjaw u ma titilfux żmien bla bżonn għax malajr ifeġġu fuqkom l-eżamijiet ta' l-aħħar. qabel dawn uħud minnkom ikollhom l-eżemijiet tal-Junior Lyceum. Nawguralkom.

Ma nixtieqx li taħsbuni xi predikatur, u għalhekk se nieqaf hawn. Imma żommu dejjem f'moħħkom li meta tistudjaw u tagħmlu xogħolkom kif imiss, sa tgawdu imtom stess. Neħħuha minn moħħkom li sa tistinkaw u tistudjaw biex il-ġenituri tagħkom ma jinkwetawx, anzi jieħdu gost. Jekk tistudjaw se tgawdu intom fil-ġejjieni.

U issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel. 2155 1325). Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lil: **L-Editur, Il-Belt Victoria, Bazilika San Gorg, Vivctoria, Għawdex** sa nhar il-**Ġimgħa 22 ta' Marzu 2002**.

***MISTOQSIJIET:***

1. F'liema sena sejrin infakkru is-17-il mitt anniversarju mill-mewt ta' San Ġorġ Martru?
2. X'jismu dak il-bniedem li ħadem l-istatwa ta' San Ġorġ li għandna fil-Bażilika tagħna?
3. Min ħadem l-istatwa ta' San Ġorġ li tittellgħa fuq pedistal fi Pjazza Indipendenza fid-dimostrazzjoni tal-Ġimgħa fil-għaxija?
4. X'kien jisimhom il-ġenituri ta' San Ġorġ?

# Ir-Ribell *musical fit-Teatru Astra*

## *produzzjoni tat-234 - grupp żgħażagħ Parroċċa San Ġorġ*

Biex il-ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ tkun aktar koordinata u organiżżata fl-1998 fuq inizjattiva ta' Mons. Arċipriet Ġużeppi Farrugia twaqqaf kumitat taż-żgħażagħ fi ħdan il-Parroċċa, bl-iskop li jorganiżża attivitajiet għaż-żgħażagħ ta' xejra kemm spiritwali u soċjali. Dan il-kumitat li hu rrappreżentat fil-Kunsill Parrokkjali jġib l-isem 234, 'two*three*four' li hu fil-qosor id-data tat- "23" ta'April "4"- (r-raba' xahar tas-sena); il-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri.

Mill-bidu tal-ħidma tiegħu, il-kumitat beda jorganiżża quddiesa animata kull nhar ta' Ġimgħa tax-xahar, kif ukoll laqgħat regolari għall-istudenti u ż-żgħażagħ. Saru wkoll diversi weekends ta' natura soċjali f'Malta kif ukoll kull sena jiġu organiżżati l-eżerċizzi tar-Randan. Ta' kull sena fil-ġimgħa tal-festa tiġi organiżżata wkoll attivita' kbira għaż-żgħażagħ. Għal din l-attivita' li ssir wara l-ħruġ tal-Vara min-niċċa, il-Bażilika tkun mimlija b'mijiet ta' żgħażagħ Ġorġjani.

Pero' hemm ħafna aktar element żagħżugħ fil-parroċċa tagħna. Ħafna huma mpenjati f'ħidma fil-Parroċċa kif ukoll fi ħdan is-Soċjeta' La Stella. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ trid tkun dinamika u ħafna drabi trid toħroġ 'il barra mill-ħitan tal-knisja u taċ-ċentru parrokkjali speċjalment meta ħafna huma diġa impenjati f' ħidmiet differenti.

U fi sforz biex jilħaq u jimpenja kemm jista' jkun l-element żagħżugħ kbir li għandna fil-Parroċċa, it-234 qed jipprepara biex fid-9 Marzu li ġej itella' *Musical* fuq il-Palk tat-Teatru Astra b' kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Drammatika ta' l-istess Teatru. Dan il-*musical*, produzzjoni tat-234 li xogħol fuqu beda kważi sena ilu għandu jkun okkażjoni kbira fejn il-ħidma ta' ħafna żgħażagħ fil-Parroċċa tkun konċentrata fuq produzzjoni kbira li għandha turi l-element li diġa' jeżisti u jkompli jkabbar ir-reputazzjoni tat-Teatru u tas-Soċjeta' La Stella.

Produzzjoni bħal din għandha tħajjar liż-żgħażagħ u l-istudenti jipparteċipaw b'mod sħiħ kemm għax qed tkun organiżżata mill-istess żgħażagħ kif ukoll għaliex kemm is-suġġett kif ukoll il-mużika *rap* ta' dan il-*Musical* għandhom xeħta żagħżugħa. **Ir-Ribell** huwa musical li jirrakkonta b'mod mill-iktar innovattiv il-proċess ta' Kristu. Hu għalhekk li nħobbu nsejħulu 'il-proċess ta' Kristu minn lenti differenti'. **Ir-Ribell** jippreżenta lil Kristu waqt li jkun qed jiġi akkużat mill-folla Rumana. Jitressaq quddiem Pilatu, li hawnhekk jieħu rwol ta' l-Imħallef, iżda fl-istess ħin ikun hemm persunaġġi oħra li jservu ta' avukati u jixhdu quddiem Pilatu dak li Kristu għamel magħhom.

Għandna wkoll lill- erba' żgħażagħ li jakkużaw lis-soċjeta' Rumana b'ipokrezija u falsita'. Iżda fl-aħħar dawn l-istess żgħażagħ jindunaw li anke s-soċjeta' tagħna tal-lum hija waħda krudila u 'l bogħod mill-imħabba. Kristu huwa għalhekk **Ir-Ribell** fil-veru sens tal-kelma. Għalkemm sieket f'ħafna mumenti waqt il-musical qiegħed permezz tal- preżenza dinamika tiegħu, jisfida u jirribella kontra s-soċjeta' li mhix ġusta. Huwa mudell li s-soċjeta' ta' żmienu ma taċċettahx iżda li għall-erba' żgħażagħ kontemporanji jappella..iżda fit-teorija biss?




**Ir-Ribell** ittella' għall-ewwel darba f'Ruma fl-1998 bl-isem ta' '*Fuorilegge*' mill-grupp taż-żgħażagħ *Paoline*. Aħna ksibna d-drittijiet kollha sabiex din il-versjoni Taljana setgħet tiġi maqluba għall-Malti minn Mons. Salv Borg. Irrekordjajna l-musical mill-ġdid fl-*istudios* ta' Leħen il-Belt Victoria, biex b' hekk inkunu nistgħu ntellgħu r-rappreżentazzjoni tagħna nhar id- 9 ta' Marzu.

Dan il-musical diġa qed jinvolvi ħidma taż-żgħażagħ f'kant, organiżżazzjoni, *recordings*, xenarju fuq il-palk, pubblikazzjonijiet u reklamar u *sponsorships*. Il-produzzjoni fuq il-Palk imbagħad għandha tinvolvi *cast* kbir żagħżugħ. Jekk dan l-esperiment ta' ħidma jkun suċċess, kif ma għandniex dubju li ħa jkun, it-234 diġa qed jipprepara għal attivita' akbar li għandha tkun attrazzjoni unika fiċ-ċelebrazzjoni taċ-Ċentenarju Ġorġjan ta' l- 2003.

Michael Formosa
Marion Zammit

A&M Printing Ltd. - Qala - 21 55 32 17